**ID-DEVOZZJONI LEJN MARIJA ADDOLORATA**

Id-devozzjoni lejn Marija Addolorata diga kienet mxerrda fi zmien San Frangisk minn Assisi; Jacopone minn Todi, kontemporaneju tal-qaddis fassal wahda mill-isbah sekwenzi lil Marija Ommna Addolorata : Stabat Mater.

Wieqfa kienet, imbikkija,
l-Omm ]dejn Binha
fit-tbatija, fuq salib imdendel

Id-devozzjoni lejn id-Duluri hadet spinta 'l quddiem lejn tmiem is-seklu 12 meta is-Servi ta' Marija bdew ixerrduha ma' kullimkien. Ic-celebrazzjoni ta' din il-festa giet introdotta fil-liturgija mill-Papa Piju VII fil-bidu tas-seklu 18 biex ikunu mfakkra t-tbatijiet li Napuljun gieghel lill-knisja ta' kristu tghaddi minnhom u li taghhom Marija hija xbiha u ezempju ewlieni.

Ghaliex il-knisja tistedinna li nonoraw lil Marija taht it-titlu ta' l-Addolorata? Ghaliex Marija wara li tat id-dawl lis-Salvatur, ippartecipat attivament fil-misterju tar-Redenzjoni. Kienet prezenti fuq il-Kalvarju Marija Ssma tara lil Binha jbati u taqsam mieghu d-duluri:

Binha gie kkundannat u umiljat, imkisser u mishuq bhal dudu ta' l-art, abbandunat mid-dixxipli. F'certu sens deher li kien abbandunat minn Missieru. Il-weghdiet kbar dehru li ghebu ghal kollox: fejn kien it-tron ta' David? Fejn hu r-renju li ma kellux tmiem?

Ghal Marija kienet prova terribli, aktar iebsa minn dik ta' Abraham meta Alla talbu jissagrifika lil Ibnu Isakk, imma hi baqghet wieqfa fuq saqajha, ma tkissritx, il-fidi taghha kienet soda f'Alla minghajr ebda riservi. Il-FIAT jew l-IVA taghha lil Anglu issa saru kunsens biex hija tiehu sehem fid-debha ta' Binha lil Alla ghas-salvazzjoni tal-bnedmin.

Id-devoti ta' Marija Ssma ghandhom ukoll lejn min iharsu meta jghaddu minn mumenti ta' tibulazzjonijiet u dwejjaq. Jersqu lejha biex quddiem ix-xbiha taghha tghinhom jaqdu r-rieda t'Alla bhalma qdietha hi. Titqanqal bil-hniena r-ruh devota meta quddiemha tilmah lil din Omm ghaddejja minn tbatijiet kbar minghajr ma' tista' taghmel xejn ghal Binha biex thaffilu s-salib, hlief li bil-prezenza taghha toffrilu solidarjeta'.

U biex il-bniedem joghla fi hsibijietu fuq id-duluri ta' Marija Ssma l-artisti uzaw il-hiliet kollha taghhom fl-arti biex jqeghdluna quddiemna l-vera mara tad-dulur.

Hawn taht wiehed jista jzur il-gallerija ta' Marija Addolorata fil-pittura u l-iskutura.